# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 31 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 960/96**

**Numru 28**

**George Bonnici**

**vs**

**Carmelo Cilia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun kundannat prevja okkorrendo dikjarazzjoni illi l-konvenut unikament responsabbli, minhabba negligenza, traskuragni, nuqqas ta' hila u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, ghall-incident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta' Lulju 1996, f'xi 11.00a.m., St Andrews Road, St. Andrews, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru tar-registrazzjoni BAE-114 u habat mal-vettura tal-attur numru tar-registrazzjoni W-2350, ihallas lill-istess attur id-danni mill-konvenut lill-attur hekk kagjonati fl-ammont li jigi likwidat min din il-Qorti, okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

A skopijiet ta‘ kompetenza jigi dikjarat illi l-valur tad-danni meritu tal-kontestazzjoni ma jissuperawx is-somma ta‘ Lm1,000.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 23 ta’ Awissu 1996, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (a fol 9 tal-atti):

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi l-kollizjoni in kwistjoni grat b’tort tal-istess attur.

B’riserva ghal kull azzjoni ta’ danni spettanti lill-konvenut.

2. Salvi eccezzjonjijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 52 u 60 tal-istess atti rispettivament.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-attur ( a fol 17 et seq ibid) jikkontenti li, waqt li kien qed jsuq il-karozza numru W-2350 sejjer fid-direzzjoni tat-Triq Regjonali, hu kien fuq il-"lane" ta' barra waqt li kien hemm vettura ohra, dik misjuqa mll-konvenut, li kienet fuq ix-xellug tieghu. Skond hu din qasmet quddiemu u minhabba li "jien ma lhaqtx nzomm il-karozza tieghi u bqajt diehel go fih". Wara l-habta, il-karozza misjuqa mill-konvenut "spiccat thares fid-direzzjoni ta' fuq cioe ghall-oppost minn fejn konna gejjin". Wara l-istess incident, il-konvenut allega li kellu l-"indicator" mixghul waqt li l-attur irribatta li hu ma kienx rah stante li l-konvenut "kien gie minn naha ta' gewwa u qasam ghall-gharrieda quddiemu". L-attur kompla jsostni li l-vettura tieghu u dik tal-konvenut kienu qed jinsaqu "kwazi flimkien" bl-ohra "xi ftit il-quddiem minni, dejjem fuq il-"lane" l-ohra (ras'imb'ras)". In rigward il-velocita' tieghu, hu sostna li kien qed jsuq b'madwar 35 kilometri ossija 30 mil fis-siegha waqt li qabel li wara l-vettura tieghu kien hemm sinjal ta "brakes" angolati u twal 12 il-metru stante li ipprova jevita l-vettura tal-konvenut meta din qasmet quddiemu. In rigward l-impatt bejn iz-zewg vetturi, hu kien laqat lill-vettura l-ohra fuq ir-rota ta' wara tal-lemin waqt li tieghu kienet intlaqtet fuq il-"mudguard" tax-xellug.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 44 et seq ibid) jsostni li hu kien waqaf sabiex jikser lejn il-lemin fejn hemm pompa tal-"petrol" u dan fejn hemm "intermittent (ossija "dotted") white line" f'nofs it-triq. Waqt li kien hekk wieqaf angolat u dan ghal "madwar hames minuti" anzi "tmien minuti ukoll" sabiex jghaddu vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta "minn wara qlajt daqqa" b'konsegwenza li ghamel "U turn". Hu cahad testwalment "li jiena dort ghall-gharrieda sabiex nidhol lejn il-petrol station li semmejt minghajr ma xeghelt indicator". In rigward hsarat hu qabel ma dawk kif murija fuq l-iskizz (ara infra).

Ikkunsidrat

Illi PS 402 Mario Tonna (fol 32 et seq ibid) oltre li esebixxa l-iskizz, maghmul fuq marki maghmula minn Pulizija ohrajn, xehed li meta gara l-incident, it-triq in kwistjoni kienet qed tinghata "Tarmac" u b'hekk ma kienx hemm il-linja bajda medjana, kif hemm muri fuq l-iskizz (fol 36 ibid) u kif semma l-istess konvenut fix-xhieda tieghu. Inoltre hu esebixxa kopja tar-rapport (fol 34 ibid) minn fejn jidher li l-konvenut kien qallu li kien xeghel l-"indicator" sabiex jdur lejn il-lemin meta saret il-habta waqt li l-attur, fis-sostanza, kien qallu dak li xehed f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat

Illi din il-Qorti tara li dak li xehed il-konvenut ma hux kredibbli jew verosimili.  Difatti ghandha tintlahaq din il-konkluzzjoni minhabba:

a) Meta gara l-incident, kontrarjament  ghal dak li xehed il-konvenut, ma kienx hemm ebda linja bajda medjana fuq it-triq stante li l-istess triq kienet ghadha kemm giet asfaltata;

b) hu difficli li wiehed jifhem jew jemmen li l-istess konvenut kien ilu wieqaf ghal hames/tmien minuti sabiex jdur lejn il-lemin;

c) il-hsarat risultanti jidhru li huma kompatibbli ma dak li xehed l-attur ossija li l-konvenut kien fuq il-"lane" ta' gewwa u qasam ghall-gharrieda quddiem il-vettura misjuqa mill-attur.

Ikkunsidrat

Illi l-"quantum" tad-danni ma giex kontestat (ara fol 47A sa 49 ibid) liema danni gew kwantifikati fl-ammont ta' Lm772.81,0.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk il-konvenut ghandu jigi ritentut responsabbli ghal dan l-incident stante li fuq basi ta’ probabilta’ (aktarx iva milli le) qasam ghall-gharrieda l-”lane” li fuqha kien qed jsuq l-attur u b’hekk ikkaguna din il-habta.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba negligenza, traskuragni, nuqqas ta’ hila u ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. tikkundanna l-ammont ta’ dawn fis-somma ta’ Lm772.81,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm772.81,0 bl-imghaxijiet legali mit-23 ta’ Awissu 1996 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta’ Awissu 1996.

Alan Calleja
Dep.Reg